MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 281/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

\- **vs -**

**Lucy Saliba bint Francis u Antonia nee' Farrugia, imwielda fil-24 ta' Ottubru 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 41764(G).**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputata **LUCY SALIBA** gie mressqa quddiemha u akkuzata fit-30 ta' April, 2005 ghal habta tas-6:15 ta' filghaxija fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug Ghawdex;

1. Saqet karozza AAO838 b'manjiera traskurata u perikoluza;

2. u aktar talli saqet l-imsemmija vettura b'velocita' accessiva;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil PS 1346, Joseph Agius, Erica Marie Saliba u lill-imputata tixhed minn jedda u b'mod volontarju;

Rat l-okkorrenza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom ir-ritratt u l-fedina penali ta' l-imputata;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti l-ewwel akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti u cioe' li hija saqet il-vettura AAO-838 b'manjiera traskurata u perikoluza fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, nhar it-30 ta' April, 2005 meta kwazi tajret lil Joseph Agius u ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 15 (1) tal-Kap 65 tiddikjara li ssib lill-imputata hatja ta' sewqan traskurat kif inkorporata fl-akkuza ta' sewqan perikoluz u tikkundannaha multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u mhux hatja ta' l-akkuza ta' sewqan b'velocita accessiva u tilliberaha minnha;

Ai termini ta' l-Artikolu 30 1 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta' l-imputata ghal perjodu ta' xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------